MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Numru. 997/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Fredianne Azzopardi**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` Fredianne Azzopardi, karta tal-identita bin-numru 565292M fejn ġiet mixlija talli f′dawn il-Gżejjer nhar it-28 ta′ Settembru 2012 għall-ħabta ta′ 06.05 fi Triq il-Mitħna, Ħal-Qormi : -

(a) Saqet vettura numru FBP-748 b′manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;

(b) Talli b′nuqqas ta′ ħsieb, bi traskuraġni jew b′nuqqas ta′ ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b′nuqqas ta′ tħaris ta′ regolamenti tat-traffiku tajret lil Andre Farrugia u nvolontarjament ikkaġunatlu offiżi ta′ natura gravi skont kif ċertifikat mill-konsulent Thomas Azzopardi;

(c) Waqt li kienet qed issuq l-imsemmija vettura qasmet il-linja l-bajda kontinwa.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħatja mill-liċenzi kollha tas-sewqan għal perjodu ta′ żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta′ nota ta′ rinviju għall-ġudizzju datata 4 t′Awissu 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta′

Fredianne Azzopardi fl-Artikoli 226(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fl-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fir-regolament 88 tal-L.S. 65.11 u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputata hawn fuq imsemmija sabiex tigi ġġudikata minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur kien iddikjara li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputata, staqsietha jekk kellhiexx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata żmien xieraq biex twieġeb għal din il-mistoqsija, wieġbet li m'għandhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi dan il-każ jitnissel minn inċident stradali li l-imputata kienet involuta fih meta kienet qed issuq il-vettura tagħha Toyota Yaris bin-numru FBP-478 fi Triq il-Mitħna f'Ħal-Qormi hi hu sejra lejn xogħolha. Hemmhekk kien safa' nvestit Andre Farrugia li konsegwenza ta' dan l-inċident sofra offiża ta' natura gravi.

Mit-trattazzjoni tad-difiża jirriżulta li l-imputata mhix tikkontesta l-inċident per se u l-anqas il-fatt li Andre Farrugia sofra l-offiża ta' natura gravi (skont kif prospettati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu) konsegwenti l-inċident de quo. Hi pero tikkontesta r-responsabbilita għall-inċident in kwantu ttenni li dan seħħ unikament tort tal-istess Farrugia li f'dak il-ħin ta' kmieni fil-għodu ħareġ għal fuq il-karreġġjata li kienet qed issuq il-karozza tagħha fiha, mingħajr ma kien liebes vest jew kellu torċlajt f'idu u minħabba f'hekk huwa qiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' perikolu li mmaterjalizzat ruħha meta l-imputata sabitu mal-windscreen tagħha u l-impatt kien inevitabbli.

***Ikkunsidrat : -***

Illi minbarra l-verżjoni tal-fatti preżentata mill-imputata dwar id-dinamika tal-inċident, il-provi prodotti f'dan il-każ dwar l-istess jikkontradiċu dak mistqarr mill-imputata. Fil-fatt kemm l-investit

Andre Farrugia kif ukoll ix-xhud okulari Charles Micallef jirriżulta li l-impatt li seħħ bejn il-vettura misjuqa mill-imputata u Andre Farrugia seħħ fuq il-karreġġjata ta' Triq il-Mitħna Ħal-Qormi li minn naħa ta' Santa Venera tieħdok lejn id-direzzjoni ta' Ħal-Qormi – u ċjoe fil-karreġġjata opposta għal dik li suppost kienet qed issuq l-imputata – li kienet sejra fid-direzzjoni opposta.

Kemm Farruga kif ukoll Micallef itennu li meta seħħ l-impatt, Farrugia kien viċin tal-berjer tal-Bank HSBC. Filwaqt li Farrugia jammetti li huwa ħareġ fil-karreġġjata ta' Triq il-Mitħna Ħal-Qormi li minn naħa ta' Santa Venera tieħdok lejn id-direzzjoni ta' Ħal-Qormi biex ikun jista' jidderieġi t-traffiku waqt li trakk kien dieħel lejn il-Bank HSBC, hekk kif kien kważi metru l-bogħod mill-bankina, huwa ġie investit mill-karozza tal-imputata – u la ra' dil-karozza qabel l-inċident u l-anqas semgħa' xi ħsejjes ta' brake. Micallef jaqbel ukoll li Farrugia kien fuq din il-karreġġjata bid-differenza li jgħid li kien lejn in-nofs ta' din il-karreġġjata.

Il-Qorti ssibha diffiċli li tikkonkludi li l-inċident seħħ unikament tort ta' Andre Farrugia u dan peress li kemm Farrugia kif ukoll ix-xhud indipendenti jtennu li Farrugia kien fil-karreġġjata tat-triq li fiha l-vetturi jinżlu minn Santa Venera lejn Ħal-Qormi u mhux fuq ix-xaqliba l-oħra li fiha kienet suppost qed issuq l-imputata. B'hekk kien l-aġir tal-imputata il-fattur li wassal għal dan l-inċident stradali. Hija trid twieġeb għal dan l-aġir tagħha indipendentement minn dak li setgħa għamel

ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputata, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-inċident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru akkadut. F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni ta' Andre Farrugia kienet il-kawża unika jew esklussiva tal-inċident stradali. Mill-banda l-oħra il-posizzjoni tiegħu f'dik il-parti tat-triq skont kif deskritta minnu u mix-xhud Micallef ma kienetx konsweta.

Kwantu għan-natura tas-sewqan tal-imputata pero, din il-Qorti tinnota li skont kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs. Mario Gellel", deċiża nhar id-19 ta' Frar 2004:

> ... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]).

Il-Qorti għalhekk issib li għalkemm l-imputata kienet responsabbli għal dan l-inċident de quo, hija tista' tiġi meqjusa li kienet traskurata fis-sewqan tagħha ai termini tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta iżda ma tqisx li ġew pruvati l-estremi ta' traskuraġni kbira jew

sewqan perikoluż ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-istess Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement issib li l-imputata kienet ukoll responsabbli mill-offiżi ta' natura involontarja kontestata lilha fit-tieni imputazzjoni skont kif prospettat mill-Avukat Ġenerali.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax issib lill-imputata ħatja tat-tielet imputazzjoni stante li minn imkien ma ġie pruvat li hija, f'dik it-triq in kwistjoni qasmet xi linja bajda kontinwa u dan peress li ma nġiebet ebda prova li turi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien hemm sinjal abjad kontinwu fil-jum tal-inċident.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċjoe l-Artikoli 226(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fl-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fir-regolament 88 tal-L.S. 65.11 filwaqt li tiddikjara lil Fredianne Azzopardi mhux ħatja tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberaha minn kull ħtija u piena, issibħa ħatja tal-ewwel imputazzjoni fis-sens aktar il-fuq kwalifikat jiġifieri ai termini tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta għalkemm ma ġewx pruvati l-estremi tal-Artikolu 15(2) tal-istess Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ħatja tat-tieni imputazzjoni kif kontestata lilha.

Illi wara li rat ukoll il-verbal a fol 127 u d-dikjarazzjoni ta’ Andre Farrugia, tqis li peress li fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih skont kif imsemmi aktar il-fuq, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta’ tliet xhur mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta il-Qorti fissret lill-Fredianne Azzopardi bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk tagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun tista’ tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta stante s-sejbien ta’ ħtija taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-istess Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-istess Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta tiskwalifika lil ħatja illi jkollha liċenza tas-sewqan għal żmien ta’ tmint ijiem minn nofs il-lejl tal-lum.

***Mogħtija illum is-6 ta' Mejju 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------